MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2014

Numru. 378/2010

**PULIZIJA**
**SPETTUR PAUL BOND**

**VS**

**RONALD APAP**

## Il-Qorti:

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Ronald Apap, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 150470M.

## Akkuzat talli:

Nhar il-Hadd tmintax (18) ta` April, 2010 ghal habta ta` bejn l-ghaxra ta` filghodu (10:00am) u l-ghaxra u nofs ta` filghodu (10:30am), waqt li kien fil-fond maghruf bhal **Monopoly Flats**, li qieghed fi Triq il-Gifen, San Pawl il-Bahar, bil-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja f’periklu car ta`

Joseph Calleja, wera dan il-hsieb b’attijiet esterjuri u ta bidu ghal ezekuzzjoni ta` dan id-delitt, billi b’mannara, ta diversi daqqiet fuq ras u wicc l-imsemmi Joseph Calleja bil-konsegwenza li kkagunali offizi ta` natura gravi u sfregju permanenti u dan skont kif iccertifikat it-tabib Dr. Alexia Attard MD (Reg. 5159), liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta` tieghu.

U talli fl-istess data, hin, lok, waqt li kien sejjer jikkommetti l-imsemmi delitt kellu fil-pussess tieghu arma regolari (mannara) u talli kellu l-istess arma minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

U aktar talli fl-istess data, hin u lok, ikkaguna offiza ta` natura gravi (per durata) fuq il-persuna ta` Lucianne Calleja u dan skont ma kif iccertifika Dr. Mark Attard Biancardi MD (Reg. 3124) tal-isptar Mater Dei.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 214, 215, 216, 217, 218, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta kif ukoll l-Artikolu 55 (a) u 61 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta` Malta u l-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti rat iz-zewg noti ta` sottomissjonijiet maghmula miz-zewg partijiet.

Ilil l-Qorti ma tistax hlief taghmel taghha l-argumenti sottomessi mid-difiza illi huma verosimili u li jikkrejaw dak id-dubbju ragonevoli li ghandu jimmilita favur l-imputat.

Illi, ghalhekk u ghal dawk ir-ragunijiet elenkati fin-nota ta` sottomissjonijiet tad-difiza, dina l-Qorti qiedgha tillibera lill-imputat mill-imputazzjonijiet lilu addebitati.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------